Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ipprezentati fis-16 ta’ April 2015[1]

**Kawża C-580/13**

**Coty Germany GmbH**
**vs**
**Stadtsparkasse Magdeburg**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja)]

“Proprjetà intellettwali u proprjetà industrijali — Bejgħ ta’ oġġetti ffalsifikati — Direttiva 2004/48/KE — Artikolu 8(1) u (3)(e) — Dritt għall-informazzjoni fil-kuntest ta’ proċedura ta’ ksur ta’ dritt għall-proprjetà industrijali — Leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li tawtorizza lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu jirrifjutaw talba għal informazzjoni dwar id-detentur ta’ kont bankarju (sigriet bankarju) — Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Artikoli 8, 17(2), 47 u 52(1) — Proporzjonalità tal-limitazzjoni ta’ dritt fundamentali”

1. Il-domanda preliminari magħmula mill-Bundesgerichtshof tagħti l-opportunità lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tapprofondixxi l-ġurisprudenza tagħha li tirrigwarda l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta’ April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[2], f’qasam li għadu qatt ma ġie eżaminat sa issa. Sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat primarjament kunflitti bejn, minn naħa, detenturi ta’ drittijiet għall-proprjetà intellettwali u, min-naħa l-oħra, utenti tal-internet li jniżżlu jew jikkondividu kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur, li d-data dwarhom tinkiseb mill-fornituri ta’ aċċess għall-internet sabiex jinbdew proċeduri kontrihom ladarba jiġu identifikati[3]. F’din l-okkażjoni, madankollu, hija istituzzjoni ta’ kreditu li, billi tinvoka s-sigriet bankarju, tirrifjuta li tipprovdi d-data meħtieġa biex jinbdew azzjonijiet legali ċivili kontra dawk li permezz tal-possibbiltajiet tekniċi offruti mill-internet ibigħu oġġetti ffalsifikati.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2004/48, “għall-għanijiet ta’ din id-Direttiva, it-terminu ‘diritijiet tal-proprjetà intellettwali’ jinkludi id-drittijiet tal-proprjetà industrijali”, b’tali mod li iktar ’il quddiem se nuża t-terminu “proprjetà intellettwali” f’dan is-sens wiesa’.

3 — Ara s-sentenzi Promusicae, C-275/06, EU:C:2008:54; Scarlet Extended, C-70/10, EU:C:2011:771; Bonnier Audio *et*, C-461/10, EU:C:2012:219 u UPC Telekabel Wien, C-314/12, EU:C:2014:192, u l-kawża LSG-Gesellschaft, zur Wahrnehmung von Leistungsschutzrechten C-557/07, EU:C:2009:107.

2. Il-kwistjoni li tqum f'din il-kawża hija jekk terz li ma jkunx ipparteċipa fi ksur allegat tad-drittijiet għall-proprjetà industrijali, iżda li "instab li qed jipprovdi fuq skala kummerċjali servizzi użati biex jagħmlu attivitajiet li jikkontravjenu" [l-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Direttiva 2004/48] — f'dan il-każ partikolari, istituzzjoni ta' kreditu—, jistax, fuq il-bażi tal-imsemmija direttiva u bl-invokazzjoni tas-sigriet bankarju, tirrifjuta li tipprovdi l-informazzjoni (speċifikament, l-isem u l-indirizz tad-detentur ta' kont bankarju) li jitlob minn għandha d-detentur tad-dritt għall-proprjetà intellettwali jew il-persuna intitolata biex tiddefendi dan id-dritt[4].

## I – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

3. L-għan tad-Direttiva 2004/48, skont il-premessa 10 tagħha, huwa li tqarreb is-sistemi leġiżlattivi tal-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet għall-proprjetà intellettwali sabiex tiżgura livell ta' protezzjoni għoli, ekwivalenti u omoġenju ta' dawn id-drittijiet fis-suq intern. Il-premessa 8 tagħha tistabbilixxi li "id-disparitajiet li hemm bejn is-sistemi ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-mezzi ta' l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali joħolqu preġudizzju għall-funzjonament xieraq tas-Suq Intern u jagħmluha impossibli li jiġi assigurat li d-drittijiet għall-propretà intellettwali għandha l-istess livell ta' protezzjoni fil-Komunità kollha. Din is-sitwazzjoni ma jippromwoviex il-moviment liberu fis-suq intern jew ma joħloqx ambjent li jwassal għall-kompetizzjoni soda", filwaqt li l-premessa 9 tal-imsemmija direttiva tfakkar li "[...]iż-żieda fl-użu ta' l-Internet twassal prodotti pirati biex jitqassmu instantanjament madwar id-dinja [...]".

4. Skont l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2004/48, "din id-Direttiva ma għandix taffettwa: a) [...] id-Direttiva 95/46/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data]". Dan il-punt jissemma' wkoll fil-premessa 15 tagħha.

5. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/48 jipprovdi li:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji neċessarji biex jiġi assigurat l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali koperti b'din id-Direttiva. Dawk il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikunu ġusti u m'għandhomx ikunu mhux neċessarjament kumplikati jew għaljin, jew li jwasslu għal-limiti ta' ħin mhux raġjonevoli jew dewmien mhux ordnat.

2. Dawk il-miżuri, il-proċeduri u r-rimedji għandhom ikun wkoll effetttivi, proporzjonati u dissważivi u għandhom ikunu applikati b'mod u manjiera li jevitaw il-ħolqien ta' barrieri biex jiġi leġitimiżżat il-kummerċ u biex jiġu provduti protezzjonijiet kontra l-abbuż tagħhom."

6. L-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48, intitolat "Id-dritt għall-informazzjoni", jistabbilixxi dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, fil-kuntest tal-passi legali li jikkonċernaw il-kontravvenzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali u b'risposta għal talba ġustifikata u proporżjonali ta' min għamel il-klejm, l-awtoritajiet kompetenti ġudizzjarji jistgħu jordnaw li l-informazzjoni fuq n-networks ta' l-oriġini u tad-distribuzzjoni ta' l-oġġetti jew is-servizzi li tikser id-dritt għall-proprjetà intellettwali għandu jkun pprovdut mill-kontravventur u/jew xi persuna oħra li:

[...]

4 — Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/48, l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu bħala persuni intitolati li japplikaw għall-miżuri, għall-proċeduri u għar-rimedji msemmija fil-Kapitolu II tal-imsemmija direttiva, *inter alia*, "il-persuni l-oħra kollha awtorizżati [biex jużaw dawn id-drittijiet għall-proprjetà intellettwali], b'mod partikolari dawk li għandhom liċenza, safejn huwa permess u skond id-dispożizzjonijiet tal-liġi applikabbli".

ċ) instab li qed jipprovdi fuq skala kummerċjali servizzi użati biex jagħmlu attivitajiet li jikkontravjenu; jew;

[…]

2. L-informazzjoni li għaliha hemm riferenza fil-paragrafu 1, kif inhu xieraq, tikkomprendi:

a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-produtturi, manifatturi, distributuri, fornituri u detenturi oħra ta' qabel ta' l-oġġetti jew servizzi, kif wkoll intiżi l-bejjiegħa bl-ingrossa u bl-imnut;

[…]

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet statutorji oħra li:

[…]

e) jiggverna il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' l-informazzjoni jew il-proċessar tad-data personali."

B – *Id-dritt nazzjonali*

7. L-Artikolu 19 tal-Liġi Ġermaniża tat-Trade marks, tal-25 ta' Ottubru 1994, bl-emendi sussegwenti (Markengesetz; iktar 'il quddiem, "il-Liġi dwar it-Trade marks"), huwa intitolat "Dritt għall-informazzjoni" u jinkorpora fid-dritt Ġermaniża tat-trade marks id-dritt previst fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48. Il-paragrafu 2 tal-imsemmi Artikolu 19 jipprevedi kif ġej:

"Fil-każ ta' ksur manifest jew f'każijiet fejn id-detentur ta' trade mark jew ta' isem kummerċjali jkun ippreżenta talba kontra l-kontraventur, id-dritt (bla ħsara għad-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1) għandu jinżamm ukoll kontra l-persuna li, fuq skala kummerċjali,

1. kellha fil-pussess tagħha oġġetti illeċiti;

2. użat is-servizzi illeċiti;

3. ipprovdiet servizzi użati fl-attivitajiet ta' falsifikazzjoni, jew

4. skont id-data pprovduta minn xi waħda mill-persuni msemmija fil-punti 1, 2 jew 3, tkun ipparteċipat fil-produzzjoni, fil-manifattura jew fid-distribuzzjoni ta' dawn l-oġġetti jew fil-forniment ta' tali servizzi,

sakemm dik il-persuna ma tkunx awtorizzata tirrifjuta li tixhed fil-proċedura kontra l-kontraventur skont l-Artikoli 383 sa385 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili […]".

8. L-Artikolu 383(1)(6) tal-Kodiċi Ġermaniża ta' Proċedura Ċivili (Zivilprozessordnung, fil-verżjoni tal-5 ta' Diċembru 2005, b'emendi sussegwenti, iktar 'il quddiem, "ZPO") jirrikonoxxi lil dawk il-persuni li minħabba l-kariga, il-professjoni jew l-okkupazzjoni tagħhom ġew fdati fatti li, min-natura tagħhom jew permezz ta' dispożizzjoni legali, għandhom jinżammu sigrieti, id-dritt li jirrifjutaw li jixhdu dwar il-fatti li fir-rigward tagħhom japplika l-obbligu tas-segretezza.

## II – **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

9. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet imressqa fil-kuntest ta' tilwima bejn il-kumpannija Ġermaniża Coty Germany GmbH (iktar 'il quddiem, "Coty Germany"), detentriċi ta' liċenzja esklużiva għat-trade mark Komunitarja "Davidoff Hot Water", u s-Stadtsparkasse Magdeburg (iktar 'il quddiem, "Sparkasse").

10. F'Jannar 2011, Coty Germany xtrat flixkun ta' fwieħa bit-trade mark "Davidoff Hot Water" permezz ta' pjattaforma tal-irkant onlajn. Hija ħallset il-prezz tal-prodott fil-kont bankarju ta' Sparkasse pprovdut mill-bejjiegħ. Meta Coty Germany ikkonstatat li kienet akkwistat prodott iffalsifikat, talbet lill-pjattaforma tal-irkant tipprovdiha bl-isem veru tad-detentur tal-kont tal-utent li mingħandu kienet xtrat il-fwieħa (il-bejgħ kien sar taħt psewdonimu). Il-persuna inkwistjoni ammettiet li kienet id-detentur tal-kont tal-utent fuq il-pjattaforma tal-irkant, iżda ċaħdet li kienet il-bejjiegħ tal-prodott u, billi invokat id-dritt li ma tixhidx, irrifjutat li tipprovdi iktar informazzjoni. Coty Germany għalhekk indirizzat lil Sparkasse permezz tal-Artikolu 19(2) tal-Liġi dwar it-Trade marks, fejn talbitha l-isem u l-indirizz tad-detentur tal-kont bankarju fejn kellha tittrasferixxi l-prezz tal-oġġett iffalsifikat akkwistat. Sparkasse, billi invokat is-sigriet bankarju, irrifjutat li tipprovdi tali informazzjoni. Coty Germany imbagħad marret għand il-Landgericht Magdeburg (qorti tal-prim'istanza), li ordnat lil Sparkasse tagħti d-data mitluba. Sparkasse appellat quddiem l-Oberlandesgericht Naumburg, billi invokat l-Artikolu 383(1)(6) taż-ZPO (li għalih jagħmel riferiment l-Artikolu 19(2) tal-Liġi dwar it-Trade marks), li jipproteġi, *inter alia*, id-dritt tal-istituzzjonijiet ta' kreditu milli jagħmlu dikjarazzjonijiet bħala xhieda fi proċedura ċivili billi jinvokaw is-sigriet bankarju. Il-qorti tal-appell iddeċidiet favur Sparkasse. Coty Germany ressqet appell ta' kassazzjoni quddiem il-Bundesgerichtshof, fejn reġgħet talbet li l-istituzzjoni ta' kreditu tiġi ordnata tagħtiha l-informazzjoni mitluba.

11. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li, f'każ bħal dak ineżami fil-kawża prinċipali, tawtorizza lil stabbiliment bankarju jinvoka s-sigriet bankarju sabiex jirrifjuta li jipprovdi, fil-kuntest tal-Artikolu 8(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva, informazzjoni dwar l-isem u l-indirizz tal-proprjetarju ta' kont?"

12. Coty Germany, Sparkasse, il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern Ġermaniż ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub f'din il-proċedura.

## III – **Sommarju tal-pożizzjonijiet tal-partijiet**

13. Fl-osservazzjonijiet tagħha Coty Germany targumenta li l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2004/48 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tawtorizza lil istituzzjoni ta' kreditu tinvoka s-sigriet bankarju sabiex tirrifjuta li tipprovdi l-isem u l-indirizz tad-detentur ta' kont bankarju lil min jitlob din l-informazzjoni skont l-Artikolu 8(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva. Skont Coty Germany, min jikser dritt ta' trade mark mhux se jawtorizza lill-persuna li tipprovdi servizz fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Direttiva 2004/48 tittrażmetti data dwar l-identità tagħha (li hija data personali għall-finijiet tad-Direttiva 95/46) lid-detentur tad-dritt miksur, u għalhekk dejjem se jkun hemm kunflitt f'dawn il-każijiet. Coty Germany issostni li jista' jkun hemm ibbilanċjar tal-interessi kunfliġġenti billi jitqiesu ċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li dawk li jbigħu oġġetti li huma evidentement iffalsifikati ma jisthoqqilhomx li tiġi protetta l-identità tagħhom.

14. Sparkasse, li tiffoka l-osservazzjonijiet tagħha fuq l-inammissibbiltà tad-domanda preliminari, li se nirreferi għaliha immedjatament, tqis essenzjalment, li Coty Germany għandha mod ieħor iktar sempliċi biex tikxef l-identità tal-allegat kontraventur tad-dritt tat-trade mark, partikolarment permezz ta' proċeduri kriminali, li tippermettilha jkollha aċċess għad-data miġbura mill-prosekuzzjoni, li ma tistax tiġi invokata s-sigriet bankarju kontriha. Min-naħa l-oħra, Sparkasse tindika li d-dritt tagħha li ma tixhidx ma jistax jiġi suġġett għal ibbilanċjar tal-interessi kunfliġġenti inkwistjoni f'dan il-każ. Hija tenfasizza wkoll li istituzzjoni ta' kreditu ma hijiex f'pożizzjoni li tevalwa, meta tiddeċiedi jekk tipprovdix id-data mitluba jew le, jekk il-ksur tat-trade mark huwiex manifest jew le fis-sens tal-Artikolu 19(2), l-ewwel alternattiva, tal-Liġi dwar it-Trade marks.

15. Il-Gvern Ġermaniż isostni li l-Artikolu 8(1)(ċ) tad-Direttiva 2004/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li r-risposta għal talba għal informazzjoni mressqa abbażi tiegħu għandha tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni u tosserva r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' proporzjonalità fl-ibbilanċjar tad-drittijiet fundamentali kkontestati. Skont il-Gvern Ġermaniż, id-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data (b'mod partikolari, id-Direttiva 95/46) ma jipprekludix *a priori* li, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, tingħata d-data mitluba. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Ġermaniż jikkunsidra li ma hijiex applikabbli, f'dan il-każ, l-"eċċezzjoni" tal-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li tiġi rrifjutata l-informazzjoni mitluba billi jiġi invokat is-sigriet bankarju ma hijiex leġiżlazzjoni li tirregola l-ipproċessar tad-data personali fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni. Fil-fehma tiegħu, din hija pjuttost leġiżlazzjoni li tipproteġi l-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' informazzjoni fis-sens tal-imsemmi Artikolu 8(3)(e), kunċett li, skont il-Gvern Ġermaniż, jinkludi wkoll il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni fiha nnifisha. Madankollu, l-imsemmija dispożizzjoni tad-Direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li għandha tippermetti li l-qorti nazzjonali fi kwalunkwe każ tkun tista' tibbilanċja d-drittijiet fundamentali kunfliġġenti u tevalwa ċ-ċirkustanzi ta' kull każ partikolari.

16. Fl-aħħar nett, fl-osservazzjonijiet tagħha l-Kummissjoni tindika li l-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48 ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li istituzzjoni ta' kreditu tinvoka s-sigriet bankarju sabiex tirrifjuta li tagħti l-informazzjoni mitluba, sakemm tali leġiżlazzjoni tissodisfa ċerti kundizzjonijiet, jiġifieri, tissodisfa r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' ċertezza legali, tirregola l-ipproċessar tad-data personali u tippermetti li l-qorti nazzjonali f'kull każ konkret tibbilanċja d-drittijiet fundamentali kunfliġġenti.

## IV – **Analiżi**

### A – *Fuq l-ammissibbiltà*

17. Qabel tiġi indirizzata l-kwistjoni sostantiva mqajma permezz tad-domanda tal-Bundesgerichtshof, għandha tiġi indirizzata kwistjoni ta' ammissibbiltà mqajma mill-konvenut fil-kawża *a quo*, Sparkasse. Huwa jsostni li l-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju ma hijiex irregolata bid-Direttiva 2004/48, iżda mid-dritt nazzjonali biss, peress li t-talba għal informazzjoni ma tressqitx fi proċedura relatata ma ksur tad-dritt għall-proprjetà intellettwali (Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2004/48, moqri flimkien mat-tieni alternattiva tal-Artikolu 19(2) tal-Liġi dwar it-Trade marks) iżda tirrigwarda l-każ ta' "ksur manifest" tat-trade mark (l-ewwel alternattiva tal-Artikolu 19(2) tal-Liġi dwar it-Trade marks) —li skontha ma huwiex previst fl-imsemmija direttiva —, kif indikat fid-dettall iktar 'il quddiem.

18. Skont Sparkasse, l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2004/48 ma jistabbilixxix dritt sostantiv awtonomu li jippermetti li tintalab informazzjoni mingħand terzi, iżda jirrikonoxxi dan id-dritt biss fil-kuntest ta' proċedura relatata ma ksur ta' dritt għall-proprjetà intellettwali jew industrijali —f'dan il-każ trade mark Komunitarja— u bi tweġiba għal talba ġġustifikata u proporzjonata tar-rikorrent. Sparkasse

targumenta li l-kawża preżenti ma tirrigwardax każ ta' proċedura ta' ksur mibdija mill-proprjetarju tat-trade mark (jew mill-persuna li għandha l-liċenzja f'dan il-każ) kontra min ikun kiser id-dritt tiegħu, li fil-kuntest tagħha r-rikorrent jitlob lil terzi ċerta informazzjoni, iżda każ fejn qed jiġi eżerċitat dritt materjali awtonomu, li ma huwiex irregolat bid-Direttiva, iżda mid-dritt nazzjonali biss.

19. Naħseb li din l-oġġezzjoni għandha tiġi miċħuda. Fil-fatt, ma naħsibx li huwa irrilevanti l-fatt li l-kunċett ta' "ksur manifest" ġie introdott fil-Liġi dwar it-Trade marks, fl-2008, preċiżament b'kunsiderazzjoni wkoll għal dawk il-każijiet fejn id-detentur tad-dritt miksur ikun jeħtieġ l-informazzjoni biex jidentifika lill-kontraventur, jiġifieri, f'dawk il-każijiet fejn, skont il-karatteristiċi speċifiċi tad-dritt proċedurali Ġermaniża, li ma tippermettix li tinbeda proċedura ċivili kontra persuna indeterminata, madankollu ma jistax ikun hemm proċedura ta' ksur ta' dritt għall-proprjetà intellettwali minħabba li tkun għadha ma ġietx identifikata l-persuna li t-talba tkun se tiġi ppreżentata kontriha[5].

20. Fl-opinjoni tiegħi, l-espressjoni użata, fost l-oħrajn, fil-verżjoni Spanjola tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2004/48, "*en el contexto de los procedimientos relativos a una infracción de un derecho de propiedad intelectual* [*fil-kuntest tal-passi legali li jikkonċernaw* il-kontravvenzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali]"[6], hija wiesgħa biżżejjed biex tinkludi każijiet bħal dak inkwistjoni, li peress li fih biżżejjed evidenza ta' ksur ta' dritt għall-proprjetà intellettwali ("ksur manifest"), it-talba għal informazzjoni għandha b'mod ċar l-għan li tinbeda l-proċedura ta' ksur ta' trade mark. F'dan is-sens għandu jintqal li qegħdin "fil-kuntest" ta' proċedura "relatata" ma' ksur ta' dritt ta' trade marks[7].

21. Għaldaqstant, nemmen li għandu jiġi konkluż li l-każ preżenti wkoll huwa kopert mid-Direttiva 2004/48 u li d-domanda preliminari magħmula mill-Bundesgerichtshof hija ammissibbli.

B – *Fuq il-mertu*

22. Jekk inqisu l-merti tal-każ, qabel xejn għandu jiġi speċifikat li l-bażi tad-domanda tal-Bundesgerichtshof, li ma hijiex espliċita fit-termini ta' din tal-aħħar, tinsab fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(2) tal-Liġi dwar it-Trade marks. Kif ingħad qabel, din id-dispożizzjoni tirrikonoxxi b'mod espliċitu l-possibbiltà li terzi li jintalbu jagħtu informazzjoni jirrifjutaw li jipprovdu din l-informazzjoni jekk, skont l-Artikoli 383 sa 385 taż-ZPO, ikunu intitolati li ma jixhdux fi proċedura ċivili miftuħa kontra l-kontraventur. F'dan il-każ, Sparkasse użat preċiżament din il-possibbiltà, billi invokat is-sigriet bankarju[8].

5 — BT-Drs. 16/5048, p 38 u 39, b'konnessjoni mal-abbozz tal-liġi Ġermaniża ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2004/48.

6 — L-enfasi miżjuda minni. Il-verżjoni Spanjola, bħal dik Taljana ("nel contesto dei procedimenti riguardanti la violazione di un diritto di proprietà inelletuale") u l-Portugiża ("no contexto dos procedimentos relativos à violação de um direito de propriedade intelectual"), huma traduzzjonijiet litterali tal-verżjoni Ingliża, "in the context of proceedings concerning an infringement of an intellectual property right". Il-verżjoni bil-Ġermaniż tgħid litteralment "*im Zusammenhang mit* einem Verfahren wegen Verletzung eines Rechts des geistigen Eigentums" (l-enfasi miżjuda minni), filwaqt li l-verżjoni bil-lingwa Franċiża tuża l-espressjoni "dans le cadre".

7 — Dan huwa wkoll is-sens mogħti minn Walter u Goebel fl-analiżi tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48 f'Walter, M.M. y von Lewinski, S. (eds.): *European Copyright Law: a commentary*. Oxford, Oxford University Press, 2010, p 1263 u 1264: "Paragraph 1 does not read 'in the course of proceedings concerning an infringement of intellectual property rights', but refers to such proceedings in using the formula 'in the context of' such proceedings, thus emphasizing that the information must be provided *with respect to* infringement proceedings but not necessarily *in the course* of an infringement proceeding" (l-enfasi miżjuda minni).

8 — Is-sigriet bankarju huwa ġeneralment aċċettat fil-Ġermanja bħala obbligu speċifiku ta' kunfidenzjalità li ġej mill-obbligu ġenerali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jipproteġu u ma jagħmlux ħsara lill-interessi finanzjarji tal-klijenti tagħhom, li huwa normalment inkorporat fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti li dawn jiffirmaw mal-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jobbligahom jirrispondu b'mod negattiv għat-talbiet għal informazzjoni dwar il-klijenti tagħhom jekk ma jkunx hemm il-kunsens tad-detentur tal-kont. Il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratti ta' Stadtsparkasse Magdeburg huma disponibbli fuq l-Internet, https://www.sparkasse-magdeburg.de/pdf/vertragsbedingungen/AGB.pdf. Dawn jinkludu riferiment espliċitu għas-sigriet bankarju (numru 1, paragrafu 1) u ċ-ċirkustanzi li fihom l-entità tista' tipprovdi informazzjoni dwar il-klijent (numru 3, paragrafu 2). Fir-rigward tas-sigriet bankarju, b'mod partikolari fir-rigward tar-relazzjoni tiegħu mal-protezzjoni tad-data, ara b'mod partikolari Kahler, T., "Datenschutz und Bankgeheimnis", f'Kahler, T. u Werner, S.: *Electronic Banking und Datenschutz — Rechtsfragen und Praxis*. Berlín/Heidelberg: Springer, 2008, paġni 143 *et seq* u l-biblijografija msemmija hemmhekk.

23. Għandu jiġi stabbilit jekk din il-possibbiltà, stabbilita fid-dritt Ġermaniża, li l-għoti tal-informazzjoni jiġi rrifjutat billi jiġi invokat, finalment, is-sigriet bankarju tirrispettax id-dritt għall-informazzjoni rrikonoxxut favur il-proprjetarju jew id-detentur ta' liċenzja ta' trade mark skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48.

24. Id-dritt għall-informazzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/48 huwa dritt strumentali mfassal biex jiżgura l-protezzjoni effettiva tal-proprjetà intellettwali, kif jirriżulta mill-premessa 21 ta' din id-direttiva. L-għan immedjat tiegħu huwa li, sa ċertu punt, il-livelli differenti ta' informazzjoni li jkollhom il-persuna li allegatament tkun kisret dritt għall-proprjetà intellettwali u d-detentur ta' dan id-dritt[9], jiġu bbilanċjati mal-konsegwenzi li jista' jkun hemm għall-effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja minħabba l-fatt li d-detentur tad-dritt ma jkollux informazzjoni minima neċessarja biex ikun jista' jipproċedi kontra l-allegat kontraventur. Naturalment, id-dritt għall-informazzjoni ma huwiex dritt assolut u, fil-fatt, l-istess Artikolu 8 jinkorpora l-possibbiltà li l-Istati jistabbilixxu ċerti restrizzjonijiet fuq l-eżerċizzju tiegħu. Għalhekk, għalkemm fosthom ma huwiex indikat espliċitament is-sigriet bankarju, il-paragrafu 3 jipprevedi li: "[i]l-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet statutorji oħra [...] e) jiggverna il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi tal-informazzjoni jew il-proċessar tad-*data* personali". Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 2(3)(a) tad-Direttiva 2004/48 jillimita d-dritt għall-informazzjoni taħt l-Artikolu 8 meta jistabbilixxi li l-imsemmija direttiva "ma għandix taffettwa", *inter alia*, id-Direttiva 95/46.

25. Il-qorti tar-rinviju, fid-domanda preliminari tagħha, tagħmel riferiment espliċitu biss għall-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48 bħala d-dispożizzjoni li eventwalment tista' tippermetti li s-sigriet bankarju jiġi mgħadud bħala limitu jew, saħansitra, eċċezzjoni għad-dritt għall-informazzjoni previst fl-Artikolu 8(1)(ċ) tagħha. Il-kwistjoni, għalhekk, hija jekk, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, l-Artikolu 8(3)(e) tal-imsemmija direttiva jippermettix li istituzzjoni ta' kreditu, billi teċċepixxi dispożizzjoni legali nazzjonali li tipprevedi d-dritt għar-rifjut li tingħata xiehda f'ċerti ċirkustanzi, tinvoka s-sigriet bankarju biex tirrifjuta li tipprovdi l-informazzjoni mitluba abbażi tad-dritt previst fil-paragrafu 1 ta' dak l-istess Artikolu 8.

26. Għandi navża qabel kollox li f'dan il-każ għandna niffokaw fuq it-tieni kunċett previst fl-ittra e), li jagħmel riferiment għall-ipproċessar ta' data personali, filwaqt li nwarrbu l-ewwel kunċett li jikkonċerna l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' informazzjoni. Jidhirli li huwa ċar li, f'dan il-każ, dan il-kunċett ma japplikax, peress li ma hijiex ikkontestata l-protezzjoni tal-identità ta' "sors ta' informazzjoni".

27. Bi tweġiba għal dan it-tieni kunċett stipulat fid-dispożizzjoni tal-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48, għandi nibda r-riflessjoni tiegħi billi ngħid li, fil-fehma tiegħi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata, kif ippreżentata lilna mill-qorti tar-rinviju, għandha żewġ effetti differenti: l-ewwel nett, effett *immedjat*, jiġifieri l-"frustrazzjoni" tad-dritt għall-informazzjoni stabbilit fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2004/48; u, t-tieni nett, effett *intermedju*, li jikkonsisti fl-"effett" fuq id-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u, għalhekk bħala konsegwenza finali, fuq id-dritt fundamentali għall-proprjetà intellettwali.

28. Għandu jiġi immedjatament indikat li l-frustrazzjoni tad-dritt għall-informazzjoni li għadni kif semmejt (u, indirettament, il-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali msemmija) isseħħ b'konsegwenza tar-rekwiżiti tas-"sigriet bankarju", peress li dan huwa kkunsidrat stabbilit fl-Artikolu 383(1)(6) taż-ZPO. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-għan tal-preservazzjoni tas-sigriet bankarju jistax jaqa' taħt

9 — McGuire, M.R., "Beweismittelvorlage und Auskunftsanspruch nach der Richtlinie 2004/48/EG zur Durchsetzung der Rechte des Geistigen Eigentums", *Gewerblicher Rechtsschutz und Urheberrecht — Internationaler Teil*, 2005, p. 15, u Haedicke, M., "Informationsbefugnisse des Schutzrechtsinhabers im Spiegel der EG-Richtlinie zur Durchsetzung der Rechte des geistigen Eigentums", f'A. Ohly *et* (eds.): *Perspektiven des Geistigen Eigentums und Wettbewerbsrechts — Festschrift für Gerhard Schricker zum 70. Geburtstag.* Múnich, C.H. Beck, 2005, p 19 u 20.

l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48 għall-eżerċizzju tad-dritt għall-informazzjoni previst fil-paragrafu 1 tiegħu, sa fejn dan id-dritt huwa rrikonoxxut "mingħajr preġudizzju" b'mod partikolari "għal dispożizzjonijiet statutorji oħra li [...] jiggvernaw[...] il-proċessar tad-*data* personali".

29. F'dawn it-termini, jista' jiġi diskuss jekk l-imsemmija eċċezzjoni tapplikax għas-sitwazzjoni inkwistjoni, peress li jista' jkun hemm dubju dwar jekk is-"sigriet bankarju" fih innifsu, kif previst fil-Liġi Ġermaniża, huwiex "dispożizzjoni statutorja" għall-finijiet tal-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48, jew dwar jekk l-għan tal-Artikolu 383(1)(6) taż-ZPO —li jagħmel riferiment għall-Artikolu 19(2) tal-Liġi dwar it-Trade marks— huwiex dak li jirregola l-"ipproċessar tad-data personali", kif enfasizza b'mod partikolari l-Gvern Ġermaniż fl-osservazzjonijiet tiegħu [10].

30. Madankollu, għandu jiġi nnotat li f'ħafna każijiet, bħal f'dan il-każ, il-kwistjoni fl-isfond tal-applikazzjoni ta' din ir-regola hija jekk ċerta data personali ta' persuni speċifiċi għandhiex tiġi kkomunikata lill-qorti jew le [11]. Barra minn hekk, għandu wkoll jiġi kkunsidrat li, fi kwalunkwe każ, id-Direttiva 2004/48, fl-Artikolu 2(3)(a) tagħha, fiha klawżola ġenerali ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 dwar il-protezzjoni tad-data personali. Għaldaqstant, interpretazzjoni tal-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48 bi qbil mad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali sanċit fl-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem, "il-Karta") twassalni biex nemmen li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata taqa' taħt l-Artikolu 8(3)(e) tal-imsemmija direttiva.

31. B'dik id-deskrizzjoni tas-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, inqis li l-ewwel ħaġa li għandha ssir, sabiex tiġi evalwata l-kompatibbiltà tagħha mad-Direttiva 2004/48, hija li tiġi deskritta mill-perspettiva tal-garanzija tad-drittijiet fundamentali involuti. F'dan ir-rigward għandu l-ewwel nett jiġi nnotat li l-effett tal-imsemmija leġiżlazzjoni nazzjonali huwa li topera "restrizzjoni fuq l-eżerċizzju" tad-drittijiet fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u għall-proprjetà industrijali fis-sens tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Fil-fatt, l-interess leġittimu tal-istituzzjoni ta' kreditu li tippreżerva s-sigriet bankarju, manifestazzjoni tad-dover ta' kunfidenzjalità li jirregola r-relazzjoni mal-klijent tagħha, għandu l-effett li jillimita żewġ drittijiet fundamentali tal-proprjetarju jew tad-detentur ta' liċenzja tat-trade mark (dan tal-aħħar bħala detentur ta' ċerti drittijiet ta' proprjetà relatati magħha) fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, jiġifieri, id-dritt għall-proprjetà intellettwali tiegħu (Artikolu 17(2) tal-Karta), u d-dritt tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva previst fl-Artikolu 47 tal-Karta [12], strument neċessarju għall-protezzjoni tal-ewwel wieħed.

32. L-Artikolu 52(1) tal-Karta jippermetti l-limitazzjoni tal-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali b'kunsiderazzjoni ta' żewġ għanijiet alternattivi: il-limitazzjoni għandha tikkorrispondi għal għan ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Unjoni (l-ewwel alternattiva) jew inkella għall-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn (it-tieni alternattiva). Filwaqt li jiena konxju li hija l-qorti nazzjonali li għandha tidentifika b'mod definittiv l-għan leġittimu mfittex mil-leġiżlazzjoni kkontestata, jidhirli ċar li dan il-każ jaqa' taħt it-tieni alternattiva (għalkemm ma neskludix li jista' jkun hemm ukoll "objettivi ta' interess ġenerali" fis-sens tal-ewwel alternattiva, relatati mat-twettiq mill-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' attività bażika għall-funzjonament tas-sistema ekonomika sħiħa). F'dan is-sens, naħseb li l-limitazzjoni tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-dritt għall-proprjetà intellettwali tad-detentur tal-liċenzja ta' trade mark permezz tas-sigriet bankarju —li abbażi tiegħu l-istituzzjoni ta'

10 — Ara l-punti 59 *et seq* tal-imsemmija osservazzjonijiet.

11 — Il-komunikazzjoni tal-isem u tal-indirizz tad-detentur tal-kont (l-allegat kontravventur) f'Sparkasse, mitluba minn Coty Germany, tkun tikkostitwixxi, jekk isseħħ, komunikazzjoni ta' data personali, jiġifieri ta' informazzjoni dwar persuna naturali identifikata jew identifikabbli [kif definit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 95/46] kif ukoll "ipproċessar ta' data personali" [skont id-definizzjoni fl-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 95/46].

12 — Id-dritt għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-Artikolu 47 tal-Karta huwa riaffermazzjoni tal-prinċipju ta' rimedju effett, prinċipju ġenerali tad-Dritt tal-Unjoni li jirriżulta mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri (ara s-sentenzi Unibet, C-432/05, EU:C:2007:163, punt 37; Kadi y Al Barakaat International Foundation vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-402/05 P u C-415/05 P, EU:C:2008:461, punt 335, u AJD Tuna, C-221/09, EU:C:2011:153, punt 54).

kreditu timpenja ruħha li ma tiżvelax data dwar l-identità tal-klijent tagħha u dwar l-attività bankarja tiegħu mingħajr il-kunsens tiegħu— primarjament tirrispondi għall-ħtieġa li jiġi mħares id-dritt (rikonoxxut ukoll bħala fundamentali fl-Artikolu 8 tal-Karta) għall-protezzjoni ta' data personali tal-klijenti li tinsab f'idejn l-istituzzjoni ta' kreditu.

33. L-Artikolu 52(1) tal-Karta fih skema dettaljata tal-kundizzjonijiet li taħthom huwa leġittimu li ssir "limitazzjoni" ta' dritt fundamentali. F'dan ir-rigward, sabiex il-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali kkontestata f'dan il-każ tkun leġittima, hija għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din id-dispożizzjoni, jiġifieri, għandha tkun prevista mil-liġi, tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet, u finalment tkun xierqa u meħtieġa biex jintlaħaq l-għan imfittex, kif ukoll tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

34. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni Ġermaniża kkontestata tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 52(1) tal-Karta. Hija l-qorti nazzjonali li, peress li għandha l-aqwa għarfien dwar il-karatteristiċi ta' "każ bħal dak ineżami fil-kawża prinċipali" li tagħmel riferiment għalihom il-qorti tar-rinviju, għandha tiddetermina jekk, definittivament, jeżistux jew le ċ-ċirkustanzi li jagħmlu leġittima l-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali permezz tas-sigriet bankarju.

35. Issa se nispjega fil-qosor, filwaqt li nfakkar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward, l-informazzjoni neċessarja biex il-qorti nazzjonali tkun tista' tevalwa, permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, sa liema punt l-interess leġittimu tal-istituzzjoni ta' kreditu li tippreserva s-sigriet bankarju jista' jillimita b'mod validu d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' persuni li, b'mod preċedenti għad-difiża d-drittijiet li jirriżultaw minn trade mark Komunitarja quddiem il-qrati, jipprovaw jinvokaw id-dritt għall-informazzjoni li huwa rikonoxxut fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2004/48, u sa fejn jista' jillimita wkoll, bħala konsegwenza eventwali aħħarija, id-dritt fundamentali tagħhom tal-proprjetà intellettwali.

## 1. Il-legalità u l-essenza

36. L-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprovdi li l-limitazzjoni "għandha tkun prevista mil-liġi", jiġifieri, għandha tirrispetta l-prinċipju ta' legalità, b'tali mod li limitazzjoni tkun ammissibbli biss jekk tkun imsejsa fuq bażi legali fid-dritt nazzjonali, li għandha tkun aċċessibbli, ċara u prevedibbli[13]. Madankollu, f'dan il-każ insibu li, kif issostni l-qorti tar-rinviju fil-paragrafu 22 tad-digriet tar-rinviju tagħha, "l-ebda dispożizzjoni legali fil-Ġermanja ma tissanċixxi espliċitament is-sigriet bankarju, iżda li fid-dritt Ġermaniż dan jista' jiġi dedott mill-obbligu ġenerali tal-bank li jipproteġi u ma jagħmilx ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-klijenti tiegħu". Fil-Ġermanja, il-Bundesgerichtshof ikompli jgħid li, "il-protezzjoni tas-sigriet bankarju hija deduċibbli indirettament mill-Artikolu 383(1)(6) taż-ZPO, li jipprovdi d-dritt li ma tingħata ebda dikjarazzjoni dwar data suġġetta għas-sigriet bankarju [...] [li] normalment tinkludi l-isem u l-indirizz tal-kont."

37. Kif diġà fakkart fil-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fil-kawża Scarlet Extended[14], it-terminu "liġi" għall-finijiet tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, għandu jinftiehem fis-sens "sostantiv", u mhux biss fis-sens formali tiegħu, b'tali mod li jista' jinkludi kemm id-"dritt miktuba" kif ukoll id-"dritt mhux miktuba" jew anki d-"dritt elaborata" mill-qrati, b'tali mod li, f'ċerti ċirkustanzi, "ġurisprudenza stabbilita" ppubblikata —u b'hekk aċċessibbli—, u applikata mill-qrati inferjuri, f'ċerti ċirkustanzi tista' anki tikkompleta dispożizzjoni legali u tiċċaraha sal-punt li tagħmilha prevedibbli.

13 — Ara, dwar dan is-suġġett, il-punt 53 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott ippreżentati fil-kawża Promusicae, C-275/06, EU:C:2007:454, fejn issir referenza għas-sentenza Österreichischer Rundfunk, C-465/00, C-138/01 u C-139/01, EU:C:2003:294, punti 76 u 77.

14 — C-70/10, EU:C:2011:771, punt 99.

38. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tikkonferma sa liema punt il-ġurisprudenza relatata mal-Artikolu 383(1)(6) taż-ZPO tippermetti li jiġi stabbilit li s-sigriet bankarju, għalkemm mhux espressament stabbilit fil-liġi Ġermaniża taħt xi dispożizzjoni legali, jissodisfa r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' legalità skont it-termini msemmija fil-punti preċedenti (b'mod partikolari, il-ħtiġijiet ta' aċċessibbiltà, ta' ċarezza u ta' prevedibbiltà) u jista' bħala prinċipju jilleġittima, jekk jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti l-oħra tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, il-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali msemmija hawn fuq.

39. L-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprevedi, barra minn hekk, li l-limitazzjoni għandha dejjem tirrispetta l-"essenza" tad-dritt jew tad-drittijiet fundamentali kkonċernati. F'dan ir-rigward l-iktar dubji serji jirrigwardaw, b'mod partikolari, id-dritt ta' Coty Germany għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Fil-Ġermanja jidher li l-effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja mitluba mid-detentriċi tal-liċenzja tat-trade mark miksura tiddependi, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-każ preżenti, unikament u esklużivament fuq jekk l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun intalbet tipprovdi informazzjoni, li għandha obbligu kuntrattwali ta' kunfidenzjalità fil-konfront tal-klijent tagħha, tirrinunzjax, tkun xi tkun ir-raġuni, li tuża d-dritt li ma tixhidx mogħti lilha mill-Artikolu 383(1)(6) taż-ZPO [15]. Ċertament, huwa d-dritt nazzjonali tad-diversi Stati Membri li għandu jirregola l-proċedura ta' applikazzjoni tad-Dritt tal-Unjoni skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali (b'tali mod li, bħala prinċipju, kull Stat Membru jista' jiddeċiedi f'liema termini jirregola d-dritt ta' ċerti nies li ma jixhdux dwar fatti li jafu). Madankollu, il-marġni ta' diskrezzjoni li l-Istati Membri għandhom fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa hija limitata mir-rekwiżit li dejjem tiġi ggarantita l-effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja, b'tali mod li ma jsirx prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli li wieħed jeżerċita d-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [16]. F'kull każ huwa ċar li l-essenza ma tkunx irrispettata jekk il-konsegwenza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata tkun li tiffrustra d-dritt ta' eventwali detenturi tad-drittijiet għall-proprjetà intellettwali li jiksbu l-protezzjoni ġudizzjarja.

2. Proporzjonalità f'sens wiesa'

40. Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 52(1) tal-Karta, "bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi [...][tal]-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn". Għal dan il-għan, għandu jiġi evalwat jekk, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-fatt li Coty Germany tiġi prekluża, permezz tal-invokazzjoni tas-sigriet bankarju, mill-eżerċizzju tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, u b'dan il-mod tiġi wkoll imċaħħda mill-protezzjoni tad-dritt tagħha għall-proprjetà intellettwali, huwiex adegwat, neċessarju u proporzjonat biex jintlaħaq l-għan leġittimu mfittex, li, fl-opinjoni tiegħi, kif diġà indikajt iktar qabel, huwa l-protezzjoni tad-dritt għall-protezzjoni tad-data tal-allegat kontraventur li tkun fil-pussess tal-istituzzjoni ta' kreditu fejn fetaħ il-kont tiegħu.

15 — F'dan ir-rigward nixtieq infakkar dak li ntqal fil-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet dwar l-impossibbiltà li tinbeda proċedura ċivili fil-Ġermanja kontra persuna mhux determinata. Kif diġà indikat l-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-konklużjonijiet tagħha fil-kawża Hypoteční banka, C-327/10, EU:C:2011:561, "jekk rikorrent ma jirnexxilux jinterpella appell kontra l-konvenut li ma setax jinstab minkejja r-riċerki kollha li saru, kif rikjest mill-prinċipji ta' diliġenza u ta' bona fide , id-dritt tar-rikorrent għal protezzjoni xierqa jiġi mminat" (punt 131).

16 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi Safalero, C-13/01, EU:C:2003:447, punt 49; Weber's Wine World *et*, C-147/01, EU:C:2003:533, punt 103; Wells, C-201/02, EU:C:2004:12, punt 67, u Unibet, C-432/05, EU:C:2007:163, punt 43, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak ippreżentati fil-kawża N.S. *et*, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:610, punti 160 u 161. Il-prinċipju tal-effettività issa ma jintweriex biss fid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta, iżda wkoll, fil-qasam speċifiku inkwistjoni, fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/48.

a) Adegwatezza

41. L-ewwel nett, f'dak li jirrigwarda l-ewwel wieħed mir-rekwiżiti, l-adegwatezza teżiġi li jiġi eżaminat jekk il-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-proprjetà intellettwali tad-detentur tal-liċenzja tat-trade mark tkunx adegwata biex jintlaħaq l-għan imfittex, jiġifieri, skont kif stipulat fl-Artikolu 52(1) tal-Karta, jekk "[tissodisfax] effettivament" il-ħtieġa, f'dan il-każ, ta' protezzjoni tad-dritt għall-protezzjoni tad-data tad-detentur tal-kont bankarju.

b) Neċessità

42. It-tieni, u dan jidher li huwa partikolarment importanti fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, għandu jiġi ddeterminat jekk il-limitazzjoni hijiex verament meħtieġa sabiex jintlaħaq dan l-għan. Il-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali ta' Coty Germany tkun meħtieġa biss jekk l-għan imfittex (protezzjoni mill-istituzzjoni bankarja tad-data tal-klijent tagħha), ma jistax jintlaħaq permezz ta' miżura li tillimita dawk id-drittijiet fuq livell inqas qawwi. F'dan il-punt, inqis li għandu jiġi evalwat, b'mod partikolari, jekk id-data li Coty Germany qed titlob mingħand Sparkasse tistax eventwalment tinkiseb b'mezzi oħra jew minn sors ieħor, apparti mill-istituzzjoni ta' kreditu [17]. Hawnhekk, għandha tiġi eżaminata wkoll il-fattibbiltà attwali tal-proposta li Sparkasse tesponi fl-osservazzjonijiet tagħha, jiġifieri li Coty Germany tibda proċeduri kriminali kontra persuna mhux magħrufa biex issir taf l-isem tal-allegat kontraventur b'dan il-mod. Għaldaqstant, il-qorti nazzjonali għandha tiddetermina sa liema punt dan l-użu tal-proċeduri kriminali huwa meħtieġ mill-proprjetarju jew mid-detentur ta' liċenzja tat-trade mark u, saħansitra qabel dan, jekk dan huwiex possibbli fil-prattika fid-dritt nazzjonali rilevanti (u, jekk iva, jakk eventwalment jikkostitwixxix abbuż inaċċettabbli tal-proċeduri kriminali għal skopijiet mhux relatati magħhom).

c) Proporzjonalità fis-sens strett

43. Finalment, l-analiżi tal-proporzjonalità teħtieġ li jiġi eżaminat sa liema punt l-għanijiet tal-protezzjoni ta' ċerti drittijiet fir-rigward ta' drittijiet fundamentali oħra jikkumpensaw b'mod suffiċjenti s-sagrifiċji involuti. Il-qorti nazzjonali għandha tikkunsidra, *inter alia*, it-tip u l-firxa tal-informazzjoni mitluba minn Coty Germany —li, kif jirriżulta f'dan il-każ, jidher li hija limitata għal dak li huwa meħtieġ biss biex tinbeda proċedura legali kontra l-allegat kontraventur—; x'livell ta' evidenza hemm kemm dwar it-twettiq ta' ksur tad-dritt għall-proprjetà intellettwali [18] kif ukoll dwar il-fatt li d-detentur tal-kont, li Coty Germany tixtieq tidentifika, seta' aġixxa b'mod illegali [19], u għandu jiġi evalwat ukoll sa liema punt il-persuna li allegatament tbigħ oġġetti ffalsifikati jistħoqqilha li l-identità tagħha tiġi protetta, partikolarment minħabba li, kif issostni Coty Germany fl-osservazzjonijiet tagħha, il-wiri tal-isem u l-indirizz tajbin huwa parti mill-obbligi ta' kwalunkwe

17 — F'dan ir-rigward għandu jitqies, f'dan il-każ, li Coty Germany diġà ppruvat mingħajr suċċess tikseb tali informazzjoni mill-pjattaforma tal-irkant li permezz tagħha xtrat prodott iffalsifikat u mill-persuna li tali pjattaforma identifikatha bħala detentur tal-kont tal-utent li minnu sar il-bejgħ.

18 — Ara f'dan is-sens is-sentenza Bonnier Audio *et*, C 461/10, UE:C:2012:219, punt 58, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja qieset aċċettabbli mill-perspettiva tad-Dritt tal-Unjoni leġiżlazzjoni nazzjonali li, *inter alia*, kienet teħtieġ li, sabiex ikun jista' jinħareġ digriet ġudizzjarja li jordna l-komunikazzjoni tad-data mitluba, għandu jkun hemm *evidenza ċara* ta' ksur tad-dritt għall-proprjetà intellettwali, u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak fil-kawża N.S. *et*, C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:611, punt 159. Għandu jitfakkar li, fil-kawża preżenti, il-qorti tar-rinviju, fil-paragrafu 2 tad-digriet tar-rinviju tiddikjara li "l-fwieħa kienet falsifikazzjoni rikonoxxibbli anki għal persuna li ma tifhimx f'dan is-suġġett".

19 — Għall-kuntrarju ta' dak li ġara fil-kawża Promusicae, C-275/06, EU:C:2008:54, fejn, kif iddikjarat mill-Avukat Ġenerali Kokott fil-punt 115 tal-konklużjonijiet tagħha, EU:C:2007:454, "il-fatt li l-ksur ta' drittijiet tal-awtur imwettaq f'mument partikolari jista' jiġi attribwit għal indirizz IP speċifiku ma jfissirx inkontestabbilment li l-atti inkwistjoni kienu mwettqa mill-persuna abbonata għall-konnessjoni li ġiet attribwita dak l-indirizz f'dak il-mument partikolari", il-każ preżenti jibda mill-bażi, ġustament fil-fehma tiegħi, li s-sid tal-kont fejn jidħlu l-flus għall-ħlas ta' oġġetti ffalsifikati huwa l-persuna (jew waħda mill-persuni) li tibbenefika finanzjarjament mill-ksur tad-dritt tat-trade mark.

persuna li tintervjeni b'*bona fide* fil-kummerċ[20]; l-eżistenza ta' dannu sostanzjali kkawżat lill-proprjetarju tat-trade mark protetta; u l-garanziji dwar kif Coty Germany se tuża d-data li se tirċievi, sabiex l-informazzjoni żvelata tintuża biss biex tinbeda proċedura kontra l-allegat awtur tar-reat u mhux għal skopijiet oħra li ma humiex relatati ma' dan l-għan. Fi kwalunkwe każ, matul din l-evalwazzjoni tal-proporzjonalità, il-qorti nazzjonali għandha tieħu inkunsiderazzjoni d-drittijiet fundamentali kollha inkwistjoni u abbażi ta' dan tilħaq bilanċ bejn id-drittijiet fundamentali konfliġġenti[21].

44. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nemmen li l-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li l-effett mhux ikkundizzjonat tagħha jkun li tippermetti li istituzzjoni ta' kreditu, permezz tal-invokazzjoni tas-sigriet bankarju, tirrifjuta informazzjoni rigward l-isem u l-indirizz tad-detentur ta' kont bankarju li tkun intalbet tagħti skont l-Artikolu 8(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva. Dan l-effett ikun kompatibbli mad-dispożizzjoni msemmija tad-direttiva ċċitata biss sa fejn ikun ir-riżultat ta' evalwazzjoni preċedenti, li għandha titwettaq mill-qorti nazzjonali, li permezz tagħha tiġi żgurata l-leġittimità tal-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali kkonċernati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata, fit-termini pprovduti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## V – Konklużjoni

45. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb lill-Bundesgerichtshof li:

"L-Artikolu 8(3)(e) tad-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li l-effett mhux ikkundizzjonat tagħha jkun li tippermetti li istituzzjoni ta' kreditu, permezz tal-invokazzjoni tas-sigriet bankarju, tirrifjuta informazzjoni li tkun ġiet mitluba tagħti skont l-Artikolu 8(1)(ċ) tal-imsemmija direttiva, rigward l-isem u l-indirizz ta' detentur ta' kont bankarju. Dan l-effett ikun kompatibbli mad-dispożizzjoni msemmija tad-direttiva ċċitata biss sa fejn ikun ir-riżultat ta' evalwazzjoni preċedenti, li għandha titwettaq mill-qorti nazzjonali, li permezz tagħha tiġi żgurata l-leġittimità tal-limitazzjoni tad-drittijiet fundamentali kkonċernati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata, fit-termini pprovduti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea."

20 — F'dan ir-rigward nixtieq infakkar li fis-sentenza L'Oréal *et*, C-324/09, EU:C:2011:474, punt 142, il-Qorti diġà ddeċidiet li "għalkemm huwa ċertament neċessarju li tiġi osservata l-protezzjoni ta' data ta' natura personali, xorta jibqa' l-fatt li *meta l-awtur tal-ksur jkun jopera fil-kummerċ* u mhux fil-ħajja privata, *huwa għandu jkun identifikabbli b'mod ċar*" (enfasi miżjuda). F'dan il-każ jidher ċar li min biegħ il-fwieħa ffalsifikata aġixxa fuq "skala kummerċjali" għall-finijiet tad-Direttiva 2004/48 peress li, skont l-atti tal-proċess, il-volum ta' kummerċ imwettaq fil-kont tal-utent tal-pjattaforma tal-irkant onlajn li minna sar il-bejgħ kien jammonta, bejn nofs Diċembru 2010 u nofs Jannar 2011, għal iktar minn EUR10 000.

21 — F'dan is-sens nixtieq infakkar is-sentenzi Promusicae, C-275/06, EU:C:2008:54, u Bonnier Audio *et*, C-461/10, EU:C:2012:219, kif ukoll il-kawża LSG-Gesellschaft zur Wahrnehmung von Leistungsschutzrechten, C-557/07, EU:C:2009:107.